# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn ghoxrin (20) ta' Gunju 2016**

**Rikors Numru 125/14 FDP**

**Dr Victor Scerri**
**(ID 366665M)**

**vs**

**Aleander Balzan**
**(ID 586485M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-10 ta' April 2014 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall-pubblikazzjoni illi dehert fuq is-sit elettroniku "www.inewsmalta.com" tat-12 ta' Novembru 2013, talab lill dina l-Qorti tiddikjara tal-pubblikazzjoni bhala libelluza u malafamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk talab lill-istess Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, intitolat "***Ghall-bejgh ... il-'farmhouse' kontroversjali fil-Bahrija***", u partikolarment il-kumment illi dwaru r-rikorrent hassu malafamat li sar minn persuna li indika lilu nniffsu bhala '**Gino**', liema kumment sar it-Tlieta, 12 ta' Novembru 2013, fil 14.31, fejn dana l-istess 'Gino' kiteb is-segwenti kliem:

> *"Taf tisthi vitor xerri ???? Basta johodha kontra min jipparkja hazin fit-tribunal u jakkwista l flus min hemm ukoll ...... imisskhom tisthu tal pn bnies bhal Dan madwarkhom.Nistenna lil dr Simon Busuttil, jekk hu ragel, li jikkundanna Dan il hmieg, ex pn activist."*

Ra "**Ir-regoli tad-diskussjon**i" li kienu jidhru fl-istess sit elettroniku illi kienu vigenti fiz-zmien illi saret il-pubblikazzjoni, li kienu jghidu s-segwenti:

*Fl-ewwel sena inewsmalta.com mhux biss saret waħda mill-iktar newsportals popolari f'pajjiżna iżda kontinwament tajna opportunità għad-diskussjoni. L-għan tagħna huwa li nibqgħu nagħmlu dan. Iżda rridu diskussjoni intelliġenti li twassal biex nifhmu u napprezzaw aħjar it-tema jew l-artiklu diskuss. Għaldaqstant fassalna ħames regoli li d-diskussjoni trid tkun imnebbħa minnhom.*

1. ***Responsabbilta':*** *Naccettaw li wiehed juza nom de plume ghaliex l-importanti l-kontenutu tal-argument. Izda kull min jikkummenta ghandu jikteb l-imejl u numru ta' kuntratt validu. Dawn jinzammu kunfidenzjali ida huma mezz kif kullhadd jinzamm responsabbli ta' dak li jikteb.*

2. ***Xejn attakki personali:*** *Id-dibattitu u l-kritika lejn l-operat ta' persuna huma fost l-iktar punti ewlenin fis-sezzjoni tal-kummenti. U hekk se jibqa jkun. Izda jridu jkunu evitati kummenti ta' tghajjir personali. L-argument jista jsir xorta minghajr ma jintuzaw kliem bhal 'Pulcinell", "zibel" jew "korrott" (sakemm m'hemmx provi li tista taghtina)*

3. ***Aqra l-artiklu:*** *Ghandhek kritika ghall artikolu tal-gurnalista taghna? Iktibha. Il-kritika tintlaqa' dejjem. Izda hu pacenzja u kun cert li qabel tkun qrajt u fhimt l-artiklu tajjeb.*

4. ***Rispett:*** *Ghandhek punt dwar l-immigrazzjoni? Tahbse li pajjizna ma jiflahx izjed? Aghmlu u ahna nippubblikawh. Izda dan irid isir f'rispett. Ir-razzizzmu mhux tollerat. Mhix tollerata lanqas xenofobija jew diskors ta' mibgheda.*

5. ***Ittawwalx:*** *Itawwalx il-kumment tieghek. Ghid dak li ghandek tghid fil-qosor u b'mod car halli s-sezzjoni tal-kummenti tibqa wahda li tigbed hafna niex u tkun mexxejja.*

*Fi ftit kliem, qeghdin nisqu favur diskussjoni miftuha (iktar minn ta' ohrajn li ghandhom fama jiccensuraw) izda matura u meqjusa. Jekk tifhem dan, mghandux ikun hemm problemi biex il-kumment tieghek ikun ippubblikat.*

*Aleander Balzan / editur*

*Awwissu 2013*

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent, **Dr Victor Scerri**, moghtija fl-24 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat, **Aleander Balzan**, moghtija fl-24 ta' Ottubru 2014, fejn iggustifika l-kontumacja tieghu, wara liema xhieda il-Qorti akkordatlu zmien sabiex jirrispondi.

Ra ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fil 5 ta' Novembru 2014 fejn sahaq illi dak hemm kummenti ma kien xejn hlief fatti veri u ta' nteress pubbliku rigwardanti personalita' politika. Sahaq ukoll illi huwa dmir tieghu, bhala editur, illi jwassal ghall-attenzjoni tal-pubbliku fatti bhal dawk hemm rappurtati, liema fatti kienu jirrigwarda ahbarjiet dwar l-ambjent, liema fatt ghandu jkun taht l-iskrutinju pubbliku u, fil-kaz tar-rikorrent, kienu l-ghaqdiet ambjentali stess li hadu interess kbir u esprimew l-fehmiet taghhom, u ghalhekk il-kumment kien wiehed gustifikat.

Ra illi fl-20 ta' Novembru 2014, in vista tal-eccezzjonjiet ta' l-intimat, il-Qorti ordnat il-kapovolgiment tal-provi.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat Aleander Balzan moghtija fil 11 ta' Gunju 2015 u rat id-dokumentazzjoni esebita mill-istess permezz ta' nota fis 17 ta' Gunju 2015.

Rat illi fit 18 ta' Gunju 2015 il-provi gew dikjarati maghluqa u l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni finali, liema trattazzjoni saret fit 13 ta' Lulju 2015.

**Ikkunsidrat.**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent kien persuna involuta fil-kamp politiku sakemm ghazel illi jieqaf, u kien propretarju ta' sit ossija 'farmhouse' gewwa Wied tal-Bahrija, liema propjeta kienet spiccat fil-mira ta' kritika da parte ta' varji ghaqdiet ambjentali in vista tal-fatt illi tali post gie restawrat u mibni mill-gdid mill-istess rikorrent.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent kien anke jahdem bhala Prosekutur fit-Tribual Lokali ta' Tramuntana, u dan ilu jaghmel hekk ghal hafna snin.

Jirrizulta illi l-artikolu jaghmel referenza ghall-binja ta' gewwa Wied tal-Bahrija w ghal fatt illi issa tali binja tinstab ghal bejgh.

Jirrizulta, izda, illi r-rikorrent ma hassux malafamat bil-kontenut ta' tali artikolu, izda hassu malfamat bil-kontenut ta' kumment ta' persuna li identifika ruhu unikament bhala "Gino", fejn dana "Gino" jaghmel varji asserzzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent.

Jirrizulta illi tali persuna, jallega illi r-rikorrent "*jakkwista l flus*" billi "*johodha kontra min jipparkja hazin fit-tribunal*".

Jirrizulta wkoll illi tali persuna jistaqsi lir-rikorrent jekk '*Taf tisthi*?", u wara jiddeskrivieh bhala parti minn "*nies mahmugin bhal Dan*" u fl-ahhar jiddikjara li "*Nistenna lil dr Simon Busuttil, jekk hu ragel, li jikkundanna Dan il-hmieg*".

Jirrizulta, ghalhekk, bl-aktar mod car, illi l-persuna illi kiteb tali kliem, li indika ruhu bhala 'Gino", jallega li r-rikorrenti huwa korrott, fejn jidhol ix-xoghol tieghu fit-Tribunal, kif ukoll mahmug, liema allegazzjonijiet ir-rikorrent hassu malafamat dwarhom.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, fix-xhieda tieghu, illi l-intimat ikkonceda illi l-kliem uzati fil-konfront tar-rikorrent ma kienux daqstant felici, u di fatti jghid:

> *.... dwar dan il-kumment ghalkemm nista' nghid illi forsi ma huwiex xi kumment wisq felici bil-mod kif inhu redatt izda ma nhossx illi huwa malafamanti fil-konfront ta' Dr Victor Scerri, u dan ghax il-kumment ta' din il-persuna wera illi l-azzjoni illi kien ha Dr Victor Scerri kien wiehed illi iqajjem rabja shiha.*

L-intimat ikompli jghid, dwar il-kumment illi dwaru kien qieghed jilmenta r-rikorrent, illi

> *L-ewwel parti tal-kumment huwa fattwali fis-sens illi ninsab cert illi jekk Dr Victor Scerri qed jahdem fit-Tribunal dana qed jahdem bi qliegh u mhux qed jaghmel*

*volontarjament; izda dwar il-kelma 'mahmugin' illi intwera u ittiehed hemm hekk jiena nikkontendi li certament dawn il-kliem ma humiex ezattament l-iktar kelma felici li wiehed seta' juza biex juri r-rabja tieghu. Madanakollu jiena ma nara l-ebda problemi f' dan l-artikolu ghal raguni semplici li dan l-artikolu huwa wiehed fattwali.*

Jirrizulta  illi, dwar is-sistema tal-kummenti adoperata mis-sit, l-intimat, illi dak iz-zmien kien l-editur tieghu, jghid illi dina kienet amministrata kif gej:

*.... s-sistema hija li wiehed jaghmel kumment; il-kumment jigi verifikat minn tnejn jew tliet persuni li kienu qed jiehdu hsieb l-iNews - is-sit, u la darba jivverifikawh huma jitqieghed imbaghad bhala kumment fuq il-website. Jiena nixtieq nghid illi ahna min-naha taghna konna nipprovaw niccensoraw minn l-inqas hlief meta wiehed jara li hemm xi kliem oxxeni fil-konfront ta' xi hadd jew inkella hemm xi kumment li kienet tidher manifestament libelluza.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat ressaq zewgt difizi principali, ossija wahda illi dak li dwaru r-rikorrent kien qieghed joggezzjona kien "fatti veri", kif ukoll illi l-intimat huwa obbligat, bhala editur, illi jwassal ghal-attenzjoni tal-pubbliku fatti, bhalma huma dawk dwar l-ambjent.

Jirrizulta illi l-intimat ressaq tali eccezzjonijiet **wara** illi r-rikorrent kien gia xehed u indika x'kien malafamanti ghalih, ossija il-kumment tal-persuna li indika lilu nniffsu bhala 'Gino'.

Jirrizulta illi jkun opportun, qabel ma tkompli taghmel il-konsiderazzjoni taghha, illi l-Qorti tqis ftit certi aspetti legali ta' tali difiza diskussi fid-decizjoni moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Europea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Delfi AS vs Estonia** deciza fis 16 ta' Gunju 2015 fejn il-Qorti ikkunsidrat l-uzu ta' 'portals' elettronici bhala hija s-sit www.inewsmalta.com meritu tal-kawza odierna, fejn jidhru stejjer u jsiru l-kummenti dwarhom, u fejn din il-Qorti qalet is-segwenti:

*The Court notes at the outset that user-generated expressive activity on the Internet provides an unprecedented platform for the exercise of freedom of expression. That is undisputed and has been recognised by the Court on previous occasions. However, alongside these benefits, certain dangers may also arise. Defamatory and other types of clearly unlawful speech, including hate speech and speech inciting violence, can be disseminated like never before, worldwide, in a matter of seconds, and sometimes remain persistently available online.*

Dwar x'kontrol jista jsir mill-editur fuq tali kummenti, bhal dawk meritu tal-kawza odjerna, l-istess Qorti tkompli tghid:

*... because of the nature of Internet media, it cannot reasonably be required of a portal operator to edit comments before publishing them in the same manner as applies for a printed media publication. While the publisher [of a printed media publication] is, through editing, the initiator of the publication of a comment, on the Internet portal the initiator of publication is the writer of the comment, who makes it accessible to the general public through the portal.*

Ghalhekk, il-Qorti tikkontendi illi

> *.... because of the particular nature of the Internet, the "duties and responsibilities" that are to be conferred on an Internet news portal for the purposes of Article 10 may differ to some degree from those of a traditional publisher, as regards third- party content.*

Dwar id-difiza tad-dritt illi jgharraf lill-pubbliku, kif mqajjma mill-intimat, l-istess Qorti tghaddi biex taghmel is-segwenti osservazzjoni

> *".... the Court has emphasised the essential function the press fulfils in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, particularly as regards the reputation and rights of others and the need to prevent the disclosure of confidential information, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. Journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation. The limits of permissible criticism are narrower in relation to a private citizen than in relation to politicians or governments.*
>
> *133. Moreover, the Court has previously held that in the light of its accessibility and its capacity to store and communicate vast amounts of information, the Internet plays an important role in enhancing the public's access to news and facilitating the dissemination of information in general. At the same time, <u>the risk of harm posed by content and communications on the Internet to the exercise and enjoyment of human rights and freedoms, particularly the right to respect for private life, is certainly higher than that posed by the press</u>.*
>
> *134. In considering the "duties and responsibilities" of a journalist, the potential impact of the medium concerned is an important factor and <u>it is commonly acknowledged that the audiovisual media often have a much more immediate and powerful effect than the print media</u>. The methods of objective and balanced reporting may vary considerably, depending among other things on the media in question.*

Il-Grand Chamber, li eventwalment ikkonfermat dina s-sentenza, tkompli biex taghmel is-segwenti konkluzjoni:

> *..... the fact that the comments were posted in reaction to an article published by the applicant company on its professionally managed news portal run on a commercial basis, <u>the insufficiency of the measures taken by the applicant company to remove without delay after publication comments amounting to hate speech and speech inciting violence and to ensure a realistic prospect of the authors of such comments being held liable</u>, and the moderate sanction imposed on the applicant company, the Court finds that the domestic courts' imposition of liability on the applicant company was based on relevant and sufficient grounds, having regard to the margin of appreciation afforded to the respondent State. Therefore, the measure did not constitute a disproportionate restriction on the applicant company's right to freedom of expression.*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, finalment, taghmel referenza ghall-gurisprudenza lokali dwar kwistjoni simili hafna ghal dik meritu tal-kawza odjerna, ossija il-kawza **Nutar Mark Sammut vs Daphne Caruana Galizia**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid 9 ta' Jannar 2008, fejn dik il-Qorti, wara illi qieset

il-gurisprudenza Ewropeja, fosthom dik fuq imsemmija, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar il-liberta' ta' l-espressjoni u l-limitazzjonijet taghha:

> *Sa fejn hu maghruf ma jezisti ebda provvediment f' ebda ligi, kompriza l-Konvenzjoni Ewropeja, u l-ebda kazistika ta' dehen li tikkondona, taht l-iskuzanti ta' certu stil jew kitba, l-uzu, imqar b' cajta, minn xi artikolist, anke ta' kalibru, ta' kliem jew espressjonijiet offensivi sempliciment in omagg ghal manifestazzjoni libera tal-hsieb. Dan aktar u aktar fejn, bhal f' dan il-kaz, l-informazzjoni divulgata tal- fatt ut sic tinsab akkompanjata minn informazzjonijiet ohra kkummentati, bla ebda utilita` ghall-ahjar komprensjoni ta' l-informazzjoni jekk mhux biex tinferixxi b' mod ripunjanti fuq il-karattru ta' l-appellat, u l-ghazliet tal-prestazzjonijiet professjonali tieghu lil certu partit politiku.*

Dik il-Qorti tkompli biex tikkwota l-**Gatley "On Libel and Slander"** fejn jghid:

> *"It is immaterial whether the imputation is conveyed by words of assertion or suggestion, or by words used in a declarative or interrogative form. A defendant is liable for insinuation as well as for explicit statement, for insinuation may be as defamatory as direct assertion and even more mischievous. The tendency and effect of the language, not its form, is the criterion. A defendant cannot defame and escape the consequences by any dexterity of style".*

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha prodotti, jirrizulta ampjament ippruvat illi persuna ili indika lilu nniffsu bhala '**Gino**' thalla jtella kumment fil-konfront tar-rikorrent, fejn saret referenza ghax-xoghol professjonali ta' l-istess rikorrent, illi ma ghandha ebda ness ma' l-involviment politiku u, ghalhekk, pubblika, illi huwa kellu fil-passat, u filwaqt illi insista li r-rikorrent kien messu "*jisthi*", imbghad kompla jghid illi l-istess rikorrent huwa "*mahmug*".

Jirrizulta wkoll ammess mill-intimat stess illi l-uzu ta' tali kliem ma kienx certament '*felici*' izda huwa jiggustifikahom billi jghid illi kienet kwistjoni illi tirrigwarda l-ambjent u r-rikorrent kien persuna pubblika u ghalhekk tali kumment thalla li jittella u thalla hemm.

Jirrizulta, madanakollu, illi il-kumment illi dwaru hassu mmalafamat ir-rikorrent ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-ambjent, a differenza ta' dak allegat mill-intimat, izda kellu x'jaqsam biss max-xoghol professjonali tar-rikorrent bhala Prosekutur fit-Tribunal Lokali ta' Tramuntana, u l-allegazzjoni illi r-rikorrent kien *'mahmug'* kienet marbuta intrinsikament ma' tali posizzjoni ta' Avukat, u ma xejn aktar.

Jirrizulta, ghalhekk, illi tali kumment ma jistax ma jitqiesx bhala malafamanti, peress illi jattakka l-integrita' personali tar-rikorrenti bhala Avukat u bhala Prosekutur, u li certament ma ghandu jkun soggett ghall-ebda tip ta' attenwanti, kif jipprova jikkontendi l-intimat, illi r-rikorrent kien persuna pubblika, ghax, fil-fatt, ir-rikorrent ma ghadhux involut fil-kamp politiku u, apparti minn hekk, il-kumment ma kellu x'jaqsam xejn ma' azzjoni politika tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fil-kawza '**Emanuel Cuschieri vs Daphne Caruana Galizia**' deciza fid 29 ta' Mejju 2015 u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, il-Prim Istanza qalet:

> *"Illi għar-rigward tal-kumpens tad-danni mġarrba għandu jiġi osservat li l-liġi tagħti grad ta' diskrezzjoni dwar l-ammont li tista' tordna lill-parti diffamanti li tħallas lill-parti libellata. Il-liġi tqiegħed biss ammont massimu li jista' jingħata. F'dan ir-rigward, jidher li l-kriterju għaqli li l- qorti għandha żżomm quddiem għajnejha huwa dak tas-sens ta' proporzjon li jqis il-fatt tal-inġurja, tal-gravità tagħha, tal-persuna (jew il-kariga) li lejha l-inġurja hija diretta, flimkien mal-pubbliku li dik l-inġurja tkun trid tilħaq;*
>
> *Illi l-qorti qiegħda tqis, fost l-oħrajn, li l-fatti allegati mill-artikolista ma jirriżultawx pruvati, illi x-xiljiet ta' reati jew imġiba kriminuża tal-attur iġġib magħha sanzjonijiet min-naħa tal-awtoritajiet u stmerrija mill- qarrej tal-artiklu, u li l-artikolista mħarrka ma wriet l-ebda sogħba għar- rimarki li għaddiet fil-konfront tal-attur;"*

Jirrizulta car illi , fil-kaz odjern, dina l-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax tali konsiderazzjonijiet bhala taghha, peress illi jidher car illi l-intimat kien a korrent ta' tali kummenti ta' stmerrija izda xorta hallihom hemm. Ta' min jghid illi l-intimat, fir-'***Regoli ta' Diskussjoni***', jaghmilha cara illi ghandhom jigu evitati kummenti ta' tghajjir personali, liema regoli, kif redatti, certament huma nobbli, peress illi ghandu jsir kull sforz sabiex il-mezzi tax-xandir u l-media ma jintuzawx ghall tghajjir personali.

Madanakollu, hija haga illi taghmel ir-regoli, u hija haga ohra illi tiehu hsieb li r-regoli jigu rispettati, liema regola, jidher car, fil-kaz odjern, ma gie rispettat bl-ebda mod, meta l-intimat, bhala editur tas-sit elettroniku www.inewsmalta.com, ippermetta lill persuna maghrufa bhala 'Gino' jghajjar u jinsolenta lir-rikorrenti, liema kummenti huma certament malafamanti u libelluzi fil-konfront tar-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza bejn il-partijiet billi

**Tichad** l-eccezzjonjiet kollha ta' l-intimat, u ghalhekk

**Tilqa** t-talbiet attrici kif dedotti u

**Tiddikjara** illi l-pubblikazzjoni w il-kumment illi gie ppubblikat fit 12 ta' Novembru 2013 fuq is-sit elettroniku www.inewsmalta.com minn persuna bl-isem ta' 'Gino' fis 14.31 ta' dakinhar, kien malafamanti u libelluz fil-konfront tar-rikorrenti personalment w il-professjoni ta' Avukat illi huwa jopera biha, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat, in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248, ihallas lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000).

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

Imghax ikun dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**